**QORTI CIVILI**
**PRIM'AWLA**
**ONOR IMHALLEF ANNA FELICE**
**(SEDE KOSTITUZZJONALI)**

**Illum 06 ta' Dicembru, 2022**

**Rikors Guramentat No: 708/2021 AF**

**Daniel Soto Gurpide**

**vs**

**Direttur tal-Qrati u Tribunali Civili**

The Court:

Having seen the sworn application filed by the plaintiff in the Maltese language which reads as follows:

Dan huwa rikors ippreżentat mir-rikors Daniel Gurpide Soto wara d-deċiżjoni tal-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja) tal-10.09.2021, liema deċiżjoni laqgħet applikazzjoni għal mandat ta' inibizzjoni fl-ismijiet ***Jensen Joanna. vs Daniel Soto Gurpide*** 145 / 2021 AGV, kopja ta' liema deċiżjoni qegħda tiġi hawn annessa u mmarkata bħala Dok. **DSG1**.

Il-mandat ingħata wara d-deċiżjonijiet tal-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja), minn hawn 'il quddiem il-'Qorti tal-Familja', fl-ismijiet tal-istess partijiet, inversi jew le, deċiżi fid-**29.07.2021** għar-rikorsi li bin-numri. **103/2021 JPG, 294/2021/2 JPG, 294/2021/1 JPG** u **135/2021 JPG**.

Qabel il-proċeduri kontenzjużi quddiem il-Qrati Maltin, il-partijiet kienu kisbu digriet li jirregola l-kura u l-kustodja tat-tfal minuri tagħhom mill-Qorti Distrettwali ta' Schoenberg, Dipartiment tal-Affarijiet tal-Familja fis-**06.05.2020** fejn ġie ddikjarat li t-tfal **<u>għandhom joqgħodu mal-missier</u>**, u li l-interessi ċentrali u vitali tat-tfal huma mal-missier, kopja ta' liema deċiżjoni kif tradotta fil-lingwa Ingliża qegħda tiġi mehmuża hawnhekk u mmarkata bħala Dok. **DSG2**.

Matul dawn il-proċeduri għadd ta' esperti eżaminaw lill-membri kollha ta' din il-familja u sabu li Joanna Jensen kienet qed issofri minn disturb ta' personalità istrijonika aggravat mit-trawmi li kienet esperjenzat f'ħajjitha **<u>li poġġewha f'qagħda ħażina u mhux kompetenti biex trabbi tfal jew li jgħixu magħha u tassattivament li ċ-"*…ċentru ta' interessi vitali tat-tfal ma jistax ikun mal-omm….*"</u>** .

Sussegwentement, **<u>l-missier u t-tfal minorenni rrilokaw Malta minħabba l-karriera professjonali tal-missier</u>**, u l-omm reġgħet marret lura r-Renju Unit wara li qattgħet xi żmien fl-Indja tiddedika ruħha għal ċertu Saduguru, vjaġġat il-Kalifornja u saħansitra riedet toqgħod fl-Awstralja ma' ħuha.

Il-partijiet ressqu diversi proċeduri quddiem il-Qorti tal-Familja, li bdew b'talba għal medjazzjoni u għadd kbir ta' rikorsi, risposti u kontro rikorsi, kif ukoll rikors urġenti *inter alia* għar-ritorn immedjat tat-tifel minorenni William lil missieru, li **__l-omm abbużivament, klandestinament u kontra l-liġi ħatfitu minn idejn il-missier__**, rikors għal miżuri proviżorji, rikors tat-08.04.2021 biex *inter alia* għall- infurzar u r-rikonoxximent tad-digriet mogħti mill-Qorti Ġermaniża, u fl-aħħar nett rikors urġenti biex jinfetħu l-Qrati wara telefonata inkwetanti mill-omm Joanna Jensen lil binha Andre, li *inter alia* talab għar-ritorn ta' William Soto Jensen lill-missier.

Notevolment, f'tentat li **__tistultifika u timmina__** d-deċiżjoni tal-Qorti Ġermaniża, Joanna Jensen ressqet proċeduri ta' medjazzjoni bin-numru **294/2021 JPG**, u talbet lill-Qorti tal-Familja sabiex :

a. jiġi ordnat li 'l-wild minuri William għandu joqgħod mal-omm;

b. li r-rikorrenti tkun awtorizzata li tieħu d-deċiżjonijiet meħtieġa għas-saħħa u l-edukazzjoni tat-tifel minorenni William;

c. il-Qorti taħtar psikologu tat-tfal biex ifassal rapport dwar il-bżonnijiet tat-tifel minorenni Andre;

d. li r-rikorrenti tkun awtorizzata li tirċievi l-informazzjoni kollha meħtieġa mill-Iskola Internazzjonali Verdala minn kull servizz edukattiv ieħor u professjonisti li jkun qed iħarsu għall-bżonnijiet tat-tfal minuri.

Fid-deċiżjoni tagħha tas-27.07.2021, l-Onorevoli Qorti tal-Familja iddisponiet minn dak ir-rikors billi **__ċaħdet l-ewwel tliet talbiet, b'mod partikolari t-tieni talba__**, u laqgħet limitatament għar-raba' talba u kontemporanjament ddikjarat li l-Qorti Ġermaniża għandha ġurisdizzjoni f'din il-kwistjoni, kopja ta' liema deċiżjoni qegħda tiġi hawn annessa u mmarkata bħala Dok. DSG3.

Din id-deċiżjoni baqgħet mhux appellata u għalhekk issa hija tikkostitwixxi ġudikat bejn il-partijiet.

Immedjatament wara d-deċiżjonijiet tas-27.07.2021 kif intqal qabel, u **għalhekk anke d-deċiżjoni bin-numru 135/2021 JPG liema deċiżjoni irrikonoxxiet u rrendiet eżegwibbli d-deċiżjoni tal-Qrati Ġermaniżi**, Joanna Jensen ressqet rikors biex tikseb mandat ta' inibizzjoni biex it-tfal minuri ma jitħallewx jitilqu mill-gżira jew ġurisdizzjoni ta' Malta mal-applikant Daniel Soto Gurpide.

Permezz tad-digriet tagħha tal-10.09.2021 il-Qorti tal-Familja, kif diversament preseduta, laqgħet t-talba tar-rikorrent u bis-saħħa ta' dan konsegwenti għall-erogar ta' dan il-mandat, ir-rikorrent Daniel Soto Gurpide ġie ipprojbit milli jħalli l-ġurisdizzjoni ta' Malta flimkien ma' wliedu.

Peress li r-rikorrent għandu l-kura u l-kustodja sħiħa u esklussiva tat-tfal stante li dawn ma jistgħux jiġu fdati b'ebda mod u taħt l-ebda ċirkostanza[1] f'idejn l-omm, u wkoll li t-tfal jirrisjedu f'kull ħin mal-missier, il-mandat huwa effetivament ukoll wieħed ta' impediment ta' partenza ta-rikorrent minn dawn il-gżejjer ukoll.

Ir-rikorrent iqis li d-deċiżjoni li jinħareġ kontra ir-rikorrent il-mandat mitlub wieħed żbaljat u fejn ma ġewx apprezzati l-fatti tal-kawża u b'kontradizzjoni serja kemm mal-ittra kif ukoll mal-ispirtu tad-deċiżjonijiet mogħtija mill-istess Onorabbli Qorti, kif diversament preseduta tas-27.07. 2021.

Sinifikativament, huwa r-rikorrent Daniel Soto Gurpide li għandu rabtiet ma' Malta peress li l-karriera tiegħu bħalissa hija bbażata f'Malta, iżda bħala ċittadin Spanjol għandu rabtiet u konnessjonijiet naturali ma' Spanja fejn ikun jixtieq jivvjaġġa biex jara l-ġenituri tiegħu u biex jieħu lil uliedu jżuru l-qraba tagħhom hemmhekk. Għall-kuntrarju, l-omm Joanne Jensen m'għandha l-ebda rabtiet ma' Malta jew Spanja u, kuntrarjament għall-missier, ġie muri li hi l-waħda miż-żewġ ġenituri li hija

[1] L-omm hija permessa biss li jkollha viżiti superviżjonati mat-tfal

kompletament irrazzjonali u instabbli kemm fit-temperament kif ukoll fejn toqgħod.

Peress li l-missier huwa ċittadin tal-Unjoni Ewropea u l-omm mhijiex, hemm miżuri tal-UE fis-seħħ biex jiggarantixxu r-ritorn sikur tat-tfal lejn dawn il-gżejjer li jkunu applikabbli kontra l-missier, hawnhekk ir-rikorrenti, iżda mhux kontra l-omm.

Jidher ċar li l-mandat li jimpedixxi l-ivvjaġġar tat-tfal minuri huwa wieħed ta' indħil fid-dritt għall-ħajja privata u tal-familja tar-rikorrent kif ukoll tat-tfal.

Barra minn hekk sabiex jgħixu ħajja ta' familja sħiħa, il-missier u t-tfal għandhom jitħallew jivvjaġġaw flimkien u l-applikazzjoni u infurzar ta' mandat li jipprojbixxi l-ivvjaġġar ipoġġi piż żejjed, mhux meħtieġ u sproporzjonat fuq il-familja.

Sabiex wieħed jeluċida aktar f'dan ir-rigward, rikors ppreżentat fit-13.10.2021 mir-rikorrent sabiex jitħalla jieħu lil uliedu għal vaganza qasira fi Sqallija bejn l-01.11.2021 u s-07.01.2021 għadha ma ġietx degretata sad-data tar-rediġir l-preżentata ta' dan r-rikors, u dan ifisser li t-tfal tilfu l-possibbiltà li jiċċelebraw il-vaganzi tal-Ħarifa tagħhom barra minn Malta.[2]

Dan il-mandat kellu l-effett pervers li jagħti s-setgħa lill-ġenitur psikoloġikament disturbata biex fil-fatt jikkontrolla lill-missier, li ġie fdat bil-kura u kustodja sħiħa u esklussiva, li jpoġġih in subordini (u lil uliedha, li wieħed minnhom huwa sempliċiment) għall-kapriċċi mnawwra tagħha, skemi Makkjavelliċi u għanijiet korrotti.

Dan u ħafna aktar ġie sottomess lill-Onorabbli Qorti li iddeċidiet fuq il-mertu tal-mandat ta' inibizzjoni, li madankollu sfortunatament dehret aktar ikkonċernata bil-kwistjoni tal-immunita diplomatika imqajjma mill-missier, aktar milli l-benessere tal-familja u l-interess privat tal-ħajja tal-familja tal-missier u t-tfal tiegħu.

[2] L-omm notorjament evita kull tentattiv li ssir sabiex tiġi notifikata b' atti tal-Qorti irrispettivament ta' kemm qegħda tagħmel ħsara lit-tfal tagħha meta tagħmel hekk

Ir-rikorrenti ssostni li jekk it-talba tar-rikorrenti Joanna Jensen li tkun awtorizzata *"to make the necessary decisions for the health and education"*[3] ġiet miċħuda, allura *multo magis* hija ugwalment m'għandhiex tingħata l-fakultà li tfixkel il-moviment liberu ta' wliedha, partikolarment meta ntwera għas-sodisfazzjon tal-Qorti li:

(a) l-interessi vitali tat-tfal ma jkunux mal-omm iżda mal-missier li għandhom joqogħdu miegħu;

(b) il-missier għandu karriera diplomatika li jfisser li l-missjoni tiegħu tinbidel minn żmien għal żmien u għalhekk għandu jitħalla jieħu lil uliedu miegħu kull fejn jistabbilixxi r-residenza tiegħu; l-omm, mhux il-missier jippreżenta periklu reali u preżenti li jaħrab mat-tifel/tfal;

(c) it-tifel William ġie rritornat lill-missier biss wara l-intervent tal-Pulizija Eżekuttiva u ċ-Child Protection Services, li hija qagħdet t'isfida u ppruvat tevita fis-27.07.2021, u dana anke wara li ġiet ippreżentata bl-ordni tal-Qorti biex iċċedi it-tifel f'idejn l-awtoritajiet sabiex jingħaqad ma missieru;

Mingħajr preġudizzju għas-suespost, ir-rikorrent jikkontendi li d-deċiżjoni tal-Onorabbli Qorti tal-Familja tal-**10.09.2021** li laqgħet it-talba għal-mandat *de quo* tikser id-dritt fundamentali tiegħu għal ħajja privata tal-familja kif sanċit taħt l-**Art. 32(c) tal-Kostituzzjoni ta' Malta u l-Artikoli 8 u 12 tal-Att dwar il-Konvenzjoni Ewropea, Kapitolu 319 tal-Liġijiet ta' Malta**.

Jiġi rilevat li d-dritt garantit mill-Konvenzjoni Ewropea taħt l-Artikolu 8 jgħid kif ġej:

1. *"Kulħadd għandu d-dritt għar-rispett tal-ħajja privata tiegħu u tal-familja tiegħu, tad-daru u tal-korrispondenza tiegħu;*

2. *M'għandu jkun hemm indħil minn **<u>awtorità pubblika</u>** dwar l-eżerċizzju ta' dan id-dritt ħlief*

[3] *vide* deċiżjoni tas-**27.07.2021** in re *Jensen-Soto* **294/2021JPG**

*dak li jkun skond il-liġi u li* ***jkun meħtieġ f'soċjetà demokratika fl-interessi tas-sigurtà nazzjonali, sigurtà pubblika jew il-ġid ekonomiku tal-pajjiż, biex jiġi evitat id-diżordni jew l-għemil tad-delitti, għall-protezzjoni tas-saħħa jew morali, jew għall-protezzjoni tad-drittijiet u l-libertajiet ta' ħaddieħor***".

Ir-rikorrent jissottometti bir-rispett, li l-ħruġ tal-mandat ta' inibizzjoni mill-Onorabbli Qorti tal-Familja injorat id-drittijiet tar-rikorrent mhux biss dawk kif sanċiti permezz tal-Konvenzjoni Ewropea u tal-Kostituzzjoni ta' Malta imma kif kkristallizzati bis-saħħa tad-deċiżjonijiet mogħtija mill-istess Qorti, kif diversament preseduta, fil-27.07.2021.

Il-Qorti Ewropeja tad-Drittijiet tal-Bniedem fl-eżami tagħha tal-ksur tal-Artikolu 8 tal-Konvenzjoni, stħarġet fil-fond tal-mertu jekk miżuri li għandhom l-għan li jipprevjenu l-għemil ta' delitti jew reati kriminali kienux meħtieġa fiċ-ċirkostanzi ta' każijiet partikolari.

F'***Kotiy v. l-Ukraina***[4] il-kwistjoni daret madwar miżura preventiva mill-awtorità eżekuttiva li tikkonsisti fl-ikkonfiskar ta' passaporti ta' l-ivvjaġġar internazzjonali u impenn bil-miktub mir-rikorrent li ma jegħbx.

Notevolment fil-kawża iċċitata, b'mod simili għal dik in diżamina, r-rikorrent f'Kotiy kien kellu diversi karigi maniġerjali fil-Ġermanja u kien involut professjonalment fis-soċjetà Ġermaniża u dawn il-miżuri żammewh, milli jwettaq l-attività professjonali normali tiegħu u jżomm ir-relazzjoni tiegħu maċ-ċirku ta' konoxxenzi tiegħu[5].

Għal dak li jikkostitwixxi l-ħajja privata ta' persuna l-Qorti Ewropea ddikjarat kif ġej:

---

[4] Rikors Nru.**28718/09** deċiża nhar il-**05.03.2015**

[5] *vide* para. **63**.

*"The Court does not consider it possible or necessary to attempt an exhaustive definition of the notion of "private life". However, it would be too restrictive to limit the notion to an "inner circle" in which the individual may live his own personal life as he chooses and to exclude therefrom entirely the outside world not encompassed within that circle.* ***Respect for private life must also comprise to a certain degree the right to establish and develop relationships with other human beings****.*

*There appears, furthermore, to be* ***no reason of principle why this understanding of the notion of "private life" should be taken to exclude activities of a professional or business nature*** *since it is, after all, in the course of their working lives that the majority of people have a significant, if not the greatest, opportunity of developing relationships with the outside world. This view is supported by the fact that, as was rightly pointed out by the Commission, it is not always possible to distinguish clearly which of an individual's activities form part of his professional or business life and which do not….*

*To deny the protection of Article 8 (art. 8) on the ground that the measure complained of related only to professional activities - as the Government suggested should be done in the present case -* ***could moreover lead to an inequality of treatment, in that such protection would remain available to a person whose professional and non-professional activities were so intermingled that there was no means of distinguishing between them.****"*[6]

Dan l-indħil fil-ħajja privata u tal-familja ta' persuna jista' madankollu jitqies ġustifikabbli u dana stante li mhux kull indħil neċessarjament għandha tirriżulta fi ksur ai termini tal-Artikolu 8 premess. Dan ma kienx il-każ madankollu, meta per eżempju, sabiex tiġi evitata l-possibbiltà ta' abbuż, uffiċjali ta' ħabs kienu regolarment jiftħu u jispezzjonaw il-posta jew il-korrispondenza mibgħuta lill-ħabsin. Is-salvagwardja ta' 'suspett raġjonevoli'[7]

[6] *vide* Rikors Nru. **13710/88** fl-ismijiet ***Niemietz v. Germany***, deċiża nhar is-**16.12.1992**
[7] probable cause

kienet meqjusa bħala miżura suffiċjenti biex jitrażżan l-abbuż u li 'l-prassi adottata mill-awtoritajiet tal-ħabs ma kienitx '*meħtieġa f'soċjetà demokratika*' *ai sensi* tal-Art. 8 (2) tal-Konvenzjoni[8].

F'Kotiy, il-Qorti eżaminat il-miżura ikkontestata u iddeċidiet li ma kienx intlaħaq bilanċ ġust bejn id-dritt tar-rikorrent għall-ħajja privata tal-familja tiegħu minn naħa l-waħda u l-interess pubbliku min-naħa l-oħra.

Il-Qorti Ewropeja ikkunsidrat li, fl-applikazzjoni tad-diskrezzjoni tagħha għall-użu ta' miżura preventiva, awtorità ma tistax tinjora ċ-ċirkustanzi partikolari tal-individwu favur il-konvenjenza tal-Istat – u f'dan il-każ partikolari l-Qorti kienet qed teżamina proċeduri ta' **investigazzjoni kriminali mhux merament kwistjoni Ċivili!**.

Dwar il-kwistjoni tal-ivvjaġġar, il-Qorti tal-Ġustizzja kellha dan xi tgħid:

> "*The Government contended that the application of a preventive measure had been justified by the seriousness of the charges against the applicant and that the written undertaking not to abscond had been the least intrusive measure compared with the other preventive measures available in criminal proceedings. The Court notes, however, that the selected preventive measure obliged the applicant to reside at a specific address in Ukraine and ignored the possibility that the applicant might continue to live in Germany, where he pursued his professional activities and where he and his family had settled several years before.*
>
> *Even occasional travels abroad were impossible, since the applicant's international travel passports had been seized. Accordingly, in the specific circumstances of the applicant's case, the written undertaking not to abscond was not a minimally intrusive measure, as maintained by the*

---

[8] *vide* Rikors Nu. **13590/ 88** fl-ismijiet ***Campbell v The United Kingdom*** deċiża nhar il-**25.03.1992**

*Government, but in fact amounted to an extensive interference with the applicant's private and family life*."[9]

Ikun kemm assurd kif ukoll piż żejjed u sproporzjonat, li l-familji jinqalgħu mill-għeruq tagħhom u jiġu mġiegħla jittrasferixxu ruħhom lejn il-pajjiż fejn qed jiġu applikati l-miżuri sabiex jissodisfaw l-iskopijiet li l 'l-miżura preventiva qed tipprova tilħaq:

> "....*As to the Government's contention that the applicant's family could have moved to Ukraine in order to overcome the restriction on the family life imposed by the domestic authorities, the Court considers that the resettlement of the applicant's family, including his children, would not have been a balanced solution, taking into account the other preventive measures available and the interests of the family..*"[10]

Fir-rigward tal-kwistjoni tal-kontestazzjoni tal-miżura preventiva, in-nuqqas ta' proċeduri kontenzjużi sabiex il-miżura titwaqqa' ma jidhirx li fihom infushom għandhom xi effett fuq il-ksur tad-dritt per se, liema ksur jissussisti sew jekk il-miżura ġietx ikkontestata jew le:

> "***The fact that the applicant did not apply to the investigator asking for permission to leave his registered place of residence or return the passports does not appear to be significant, given that such an application could not be considered to constitute an effective remedy or method of addressing the substance of the applicant's complaint. Moreover, the applicant cannot be reproached for not having raised the matter at the domestic level bearing in mind that he had, for example, challenged the decisions to initiate criminal proceedings against him and that this action, if successful, could eventually have resolved the issue of the impugned measures.***"[11]

---

[9] vide ***Kotiy v Ukraine*** op. cit para. **72**

[10] Ibid.

[11] ***Kotiy*** op. cit., para **73**.

Għaldaqstant, il-każ iċċitat jista' u għandu, jiġi applikat faċilment għall-każ in diżamina bi ftit sostituzzjonijiet:

(a) Il-pajjiżi tal-Ukrajna u l-Ġermanja f'Kotiy ma' Malta u Spanja f'Jensen-Soto;

(b) L-ikkonfiskar tal-passaporti f'Kotiy, id-digriet għall-qbid tal-passaporti u n-notifika lill-Uffiċjal Prinċipali tal-Immigrazzjoni f'Jensen-Soto;

(c) Familji u karriera fil-Ġermanja f'Kotiy, Karriera u familji fi Spanja fi Jensen-Soto;

(d) F'Kotiy ġew adottati miżuri in segwitu ta' investigazzjoni kriminali, filwaqt li f'Jensen-Soto ġew adottati miżuri in segwitu ta' tilwima Ċivili;

(e) F'Kotiy d-dritt tar-rikorrent għall-ħajja tal-familja ġie miksur billi ġie pprojbit milli jivvjaġġa, filwaqt li f'Jensen-Soto it-tfal qed jiġu pprojbiti milli jivvjaġġaw ma' missierhom u dan jikser d-drittijiet tagħhom it-tnejn għall-ħajja privata kif ukoll tal-familja;

(f) F'Kotiy kien hemm mezzi oħra għad-dispożizzjoni tal-awtoritajiet biex jassiguraw ir-ritorn tar-rikorrent lura fl-Ukrajna, f'Jensen-Soto hemm mezzi oħra disponibbli biex jassiguraw ir-ritorn tat-tfal lejn Malta.

L-ebda waħda mill-partijiet f'din il-kawża m'hi ċittadini Maltin u la r-rikorrent u lanqas uliedu ma għandhom jitqiesu bħala residenti ordinarjament f'Malta u dan minħabba n-natura tal-impjieg tar-rikorrent.

Id-deċiżjoni li jinħareġ u jiġi konfermat l-mandat ta' inibizzjoni li għaliha sar dan l-ilment, mhijiex waħda appellabbli u minħabba n-natura tagħha tibqa' fis-seħħ għal perjodu ta' ħames (5) snin.

Id-deċiżjoni li jinħareġ u jiġi konfermat mandat ta' inibizzjoni li minnu innifsu jikkostitwixxi indħil fid-dritt tal-missier u ta' wliedu għall-ħajja privata u tal-familja tagħhom u li jwaqqaf u jistabbilixxi il-familja tiegħu kull fejn irid, u stante li l-kura u l-

kustodja tat-tfal ġiet fdata lir-rikorrent u mhux lill-omm, u wara li 'l-qorti ta' ġurisdizzjoni oriġinali iddikjarat li l-interessi ċentrali u vitali tat-tfal huma mar-rikorrenti, tilliedi id-drittijiet tar-rikorrent hekk kif sanċiti taħt l-**Art. 32(c) tal-Kostituzzjoni ta' Malta u l-Artikoli 8 u 12 tal-Att tal-Konvenzjoni Ewropea, Kapitolu 319 tal-Liġijiet ta' Malta**.

Intalbet din il-Qorti sabiex:

1. Tiddikjara d-deċiżjoni tal-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja) tal-10.09.2021 fl-ismijiet Jensen Joanne vs Soto Gurpide Daniel Mandat ta' Inibizzjoni bin-numru 145/2021 AGV li huwa leżiv ai sensi tal-**Art. 32(c) tal-Kostituzzjoni ta' Malta u l-Artikoli 8 u 12 tal-Att dwar il-Konvenzjoni Ewropea, Kapitolu 319 tal-Liġijiet ta' Malta**; u konsegwentement,

2. Tirrevoka, tħassar u tikkanċella id-deċiżjoni li akkordat u ikkonfermat l-mandat ta' inibizzjoni bin-numru **145/2021 AGV** fl-ismijiet *Jensen Joanne vs Soto Gurpide Daniel* fl-10.09.2021.

Having seen the documents annexed to the sworn application.

Having seen the sworn reply filed by the defendant in the Maltese language which reads as follows:

*In linea preliminari* jigi eccepit li l-eccipjenti Direttur Qrati u Tribunali Civili assolutament mhuwiex il-legittimu kontradittur ghall-lanjanzi attrici u ghalhekk ghandu jigi lliberat mill-osservanza tal-gudizzju bl-ispejjez kontra r-rikorrenti.

Minghajr pregudizzju ghas-suespost, il-lanjanzi attrici fejn qed jigi allegat ksur tad-drittijiet fundamentali tieghu mhumiex diretti ghal xi nuqqas jew agir minn naha tal-esponenti li hu responsabbli biss mill-amministrazzjoni tal-Agenzija dwar is-Servizzi tal-Qrati u ghalhekk anke minn dan il-lat, it-talbiet tar-rikorrenti fil-konfront tal-esponenti huma nfondati fil-fatt u fid-dritt.

Naturalment l-esponenti m'ghandu ebda kontroll fuq il-proceduri li qed jigu attakkati di più lanqas ma kien involut jew parti mill-mandat t'inibizzjoni in meritu u ghalhekk zgur li l-lanjanzi tar-rikorrent mhumiex bl-ebda mod tort tal-esponenti.

F'dan il-kuntest l-esponenti jaghmel riferenza ghas-sentenza fl-ismijiet Mark Lombardo et vs Kunsill Lokali Fgura deciza mill-Qorti Kostituzzjonali fis-7 ta' Ottubru, 2005 fejn gie ritenut:

> *"Kwantu ghall-appellat Registratur, Qrati Civili u Tribunali ma jidhirx li jista' jkun hemm l-icken dubbju li dan ma hux il-legittimu kontradittur f'din il-kawza. Ir-Registratur ma jirrapprezentax lill-Qrati li l-operat taghhom gie attakkat bir-rikors promotorju – anzi, bil-kontra, huwa jiehu l-ordnijiet minghandhom skond il-ligi – u hu ma hux f'posizzjoni li jaghti rimedju effettiv kieku stess din il-Qorti kellha ssib x'ticcensura fuq il-livell kostituzzjonali fl-operat ta' dawk il-Qrati."*

Jidher li r-rikorrenti qed jattribwixxi l-ilmenti tieghu ghad-decizjonijiet tal-Qorti Civili (Sezzjoni Familja) li quddiemha gie intavolat il-mandat t'inibizzjoni u ghal dan l-allegat nuqqas zgur li ma jistax iwiegeb jew jigi tenut responsabbli l-esponenti u f'dan il-kuntest ssir riferenza ghal kawza fl-ismijiet Carmelo sive Charles Delia et vs Registratur tal-Qrati et deciza mill-Qorti Kostituzzjonali fil-25 ta' April 1990, fejn dwar il-posizzjoni tar-Registratur u tad-Direttur tal-Qrati specifikament intqal li r-Registratur tal-Qrati m'ghandux ir-rapprezentanza tal-Qrati u hu mhux persuna legittima biex joqghod f'kawza fejn jigi allegat li d-drittijiet fundamentali tar-rikorrent gew vjolati bi proceduri pendenti quddiem il-Qorti.

Salvi, jekk ikun il-kaz, eccezzjonijiet ossia risposti ulterjuri.

Ghaldaqstant l-esponenti jitlob bir-rispett illi dina l-Onorabbli Qorti joghgobha tichad *in toto* it-talbiet tar-rikorrenti bl-ispejjez kontra l-istess rikorrenti.

Having seen that during the sitting of the 3rd March 2022, the Court ordered that the proceedings were to be conducted in the English language.

Having seen that the case was adjourned for judgment for today on the preliminary plea raised by the defendant.

Having seen that neither one of the parties filed a final note of submissions.

Having seen the acts of the proceedings.

Having Considered that in substance, applicant's grievance refers to a claim of a breach of the fundamental right to respect for private and family life as a result of a decision of the First Hall Civil Court (Family Section) dated 10th September 2021 in the names Joanna Jensen vs Daniel Soto Gurpide which upheld the request made by Joanna Jensen for the issuing of a warrant of prohibitory injunction.

By means of this application, the applicant requests the Court to declare that his right to private and family life as guaranteed in virtue of Article 32(c) of the Maltese Constitution and Articles 8 and 12 of the European Convention, Chapter 319 of the Laws of Malta, has been violated.  Subsequently, and by way of remedy, applicant is also requesting the Court of revoke, cancel and annul the judgment handed down on the 10th September 2021 in the names Joanna Jensen vs Daniel Soto Gurpide (Application No. 145/21 AGV).

The Director for Civil Courts and Tribunals raised a preliminary plea contending that he is not the legitimate defendant in these proceedings.

Numerous were the instances where the Maltese Courts were faced with pleas as to who makes a legitimate defendant in cases of a constitutional nature where the applicant claims a breach of fundamental human rights.

In the case of Raymond Cassar Torreggiani et vs Avukat Generali et decided by the Constitutional Court on the 22nd February 2013 it was stated that:

*"Illi l-kwestjoni ta' min huwa l-legittimu kontradittur xieraq f'azzjoni ta' ksur ta' jedd fundamentali tmur lil hinn mill-kwestjoni tal-interess guridiku tal-parti. Il-qofol tal-azzjoni ta' lment dwar ksur ta' jedd fundamentali huwa l-ghoti ta' rimedju xieraq ghal tali ksur, minbarra s-sejbien fih innifsu tal-ksur;*

*"Illi l-Qorti taghraf il-fatt li l-kwestjoni dwar min ghandu jwiegeb ghall-ilment ta' ksur ta' jedd fundamentali tal-bniedem ilha zmien tkidd lil min ikun involut f'kawzi bhal dawn. Biz-zmien, tfasslu regoli ta' prattika biex jingharaf kontra min kawza bhal din imissha titressaq (Per ezempju, ara Kost. 7.12.1990 fil-kawza fl-ismijiet <u>Abela v. Il-Prim Ministru et</u> (Kollez. Vol: LXXIV.i.261). Il-hsieb dejjem kien li eccezzjoni bhal din m'ghandhiex isservi biex jitwal il-process tas-smigh tal-ilment fil-mertu, imma biex jigi mistharreg min tassew jista' jaghti r-rimedju f'kaz li jirrizulta li l-ilment tal-ksur tad-dritt fundamentali kien wiehed misthoqq (Kost. 6.8.2001 fil-kawza fl-ismijiet <u>Joseph M. Vella et v. Kummissarju tal-Pulizija et</u>). Mad-dhul fis-sehh fil-bidliet estensivi li saru fil-Kodici tal-Procedura fl-1995, u b'mod partikolari fl-artikolu dwar ir-rapprezentanza tal-Gvern fil-kawzi, jidher li tqies li l-problema tal-legittimu kuntradittur kienet b'hekk twittiet darba ghal dejjem. Dan l-izjed minhabba li l-artikolu 181B ma kien jaghmel l-ebda distinzjoni dwar l-ghamla ta' procedura gudizzjarja li ghaliha kien jirreferi.*

*Mhux hekk biss, imma l-imsemmi artikolu jaghmel parti minn Titolu tal-Kodici li d-dispozizzjonijiet tieghu "jghoddu ghall-qrati kollha" (Art. 193 tal-Kap 12);*

*....*

*Illi l-Qorti tqis li l-kwestjoni ta' min ghandu jwiegeb ghal xilja ta' ksur ta' jedd fondamentali tintrabat sewwa mal-ghamla tal-ksur li jkun u wkoll mal-ghamla ta' rimedju li jista' jinghata. Ilu zmien li l-Qrati taghna gharfu din ir-rejaltà u ghalhekk sawru d-distinzjonijiet mehtiega applikabbli ghall-bicca l-kbira mill-kazijiet. Ghalhekk, illum il-gurnata jingharfu kategoriji differenti ta' persuni li*

*jistgħu jitqiesu bħala leġittimi kuntradittur f'azzjonijiet kostituzzjonali. Dawn jinqasmu fi tliet kategoriji, jiġifieri (a) dawk li jridu jwieġbu direttament jew indirettament għall-għamil li jikser id-dritt fundamentali ta' persuna, (b) dawk li jridu jagħmlu tajjeb (billi jipprovdu r-rimedju xieraq) għan-nuqqasijiet jew l-egħmejjel li bihom ħaddieħor jikser xi jedd fundamentali ta' xi ħadd, u (c) dawk il-partijiet kollha li jkunu f'kawża meta kwestjoni ta' xejra kostituzzjonali jew konvenzjonali tqum waqt is-smigħ ta' xi kawża f'qorti (Kost. 7.12.1990 fil-kawża fl-ismijiet Abela v. Onor. Prim Ministru et (Kollez. Vol: LXXIV.i.261); u Kost. 6.8.2001 fil-kawża fl-ismijiet Joseph Mary Vella et v. Kummissarju tal-Pulizija et).*

*Ma' dawn, u dejjem jekk ikollhom interess fil-kawża, jistgħu jiddaħħlu persuni oħrajn bil-għan li jagħmlu sħiħ il-ġudizzju u jagħmluh rappreżentattiv ta` kull interess involut fil-kwestjoni;*

*Illi jekk wieħed iqis kif inhuma mfassla t-talbiet tar-rikorrenti f'din il-kawża, wieħed isib li hija l-liġi nnifisha li qiegħda tkun attakkata bħala dik li biha huma qegħdin igarrbu ksur ta' jedd fundamentali tagħhom. Huwa minnu li huma mhumiex qegħdin jattakkaw is-siwi nnifsu tal-liġi, iżda huma qegħdin jilmintaw minn liġi li, bil-mod kif titħaddem, iġġibilhom ħsara fit-tgawdija ta' ħwejjiġhom.*

*Minbarra dan, qegħdin jitolbu li jingħataw rimedju (kumpens) minħabba l-effetti ta' dik il-liġi;*

*Illi, jekk il-każ tar-rikorrenti jittieħed f'dan id-dawl, jiġi li, filwaqt li l-azzjoni tar-rikorrenti kontra l-intimat Avukat Ġenerali tressqet sewwa kontrih".*

Of particular relevance is the judgment given by the Court of Appeal on the 9th November 1988 in the names Lucien Stafrace noe v Agent Registatur tal-Qrati et. In this case the Registrar of Courts pleaded that he was not the legitimate defender. In arriving at its' decision the Court started off by making reference to the duties and responsibilities of the Registrar of Courts. It was stated that:

*"Kwantu ghall-intimat Agent Registratur tal-Qrati, il-Qorti tosserva li 1-liġi stess fil-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili (Kap. 12), meta tigi biex tikkunsidra 1-funzjonijiet, is-setghat u d-dminjiet tar-Registratur fl-Ewwel Ktieb Titolu IV intitolat "Fuq ir-Registratur", fl-artikolu 57(1) espressament tiddisponi li 'ir-registratur ikollu 1-funzjonijiet, setghat u dmirijiet moghtija lilu bid-disposizzjonijiet ta' dan il-Kodici u jkollu taht it-tregija u r-responsabbilità tieghu r-registru u l-ufficjali ta' 1-istess retistru", u fl-artikolu 57(2) tkompli tiddisponi li "ir-registratur ghandu jiehu l-ordnijiet minghand l-awtorità gudizzjarja" u mbaghad tghaddi biex tispeċifika kif ghandu jiehu dawn l-ordnijiet. Ma hemm xejn fl-imsemmi Kodiċi, li minnu jitwieldu, kif fuq inghad, b'ligi espressa l-funzjonijiet, is-setghat u d-dmirijiet tieghu, li jawtorizzah li joqghod f'kawza bhal dik prezenti intiza biex taghti rimedju kontra d-dewmien ta' imhallef u/jew imhallfin li jaghtu sentenza. Certament m'huwiex f'posizzjoni, ghaliex mghandux is-setgha, li jassikura li mhallef jaghti sentenza fi zmien xieraq;*

*Mhux hekk biss imma kif gie ritenut fil-kawża George Vigo vs Nutar Dottor Vincent Gatt noe, 30 ta' Jannar 1958, Prim ' Awla Qorti Civili, Onor. Imh. Joseph Caruana Colombo (Kollez. Dec. Vol. XLIIII.886): il-Kap ta' Dipartiment u l-Agent Registratur huwa kap ta' dipartiment) hu persuna legittima biex jirrapprezenta lill-Gvern fil-kwistjonijiet li jirrigwardaw l-andament ordinarju ta' l-amministrazzjoni pubbliku inerenti ghall-ufficcju jew dipartiment li jigi lilu affidat mill-Gvern biex imexxih, u mhux ghal hag'ohra". Il-kwistjoni prezenti certament ma tidholx fl-andament ordinarju ta' l-amministrazzjoni pubblika inerenti ghad-dipartiment li gie affidat lir-Registratur;"*

Reference is also being made to the judgment delivered by this Court on the 14th March 2002 in the names George Xuereb vs Reġistratur tal-Qrati et whereby it was stated that:

*"Illi qabel ma tikkunsidra dan ir-rikors fil-meritu, huwa mehtieg li din il-Qorti tiddisponi fl-ewwel lok mill-*

*eccezzjonijiet preliminari sollevati mill-intimati s-Segretarju Permanenti fil-Ministeru tal-Gustizzja w ir-Registratur tal-Qorti, fejn qed jghidu li mhumiex il-legittimu kontradittur f'dawn il-proceduri kostituzzjonali.*

*L-Artikolu 181 B tal-Kap. 12 jipprovdi li l-Gvern, jigifieri l-Istat, ghandu jkun rapprezentat fl-atti u fl-azzjonijiet gudizzjarji mill-KAP TAD-DIPARTIMENT tal-Gvern li jkun inkarigat fil-materja in kwistjoni. Barra minn hekk, is-subinciz (2) ta' l-istess Artikolu jipprovdi wkoll li l-Avukat Generali jirrappresenta lill-Gvern f'dawk l-atti w azzjonijiet gudizzjarji li minhabba n-natura tat-talba ma jkunux jistghu jigu diretti kontra dipartimenti l-ohra tal-Gvern. Mela huwa l-Avukat Generali li jirrappresenta lillGvern, in rappresentanza ta' l-Istat.*

*Issa, fil-kaz prezenti, l-ebda dipartiment ta' Gvern ma kien involut fil-litigju, u huwa ben saput fid-dritt kostituzzjonali w konvenzjonali li l-Gudikatura hija ndipendenti millEzekuttiv, u certament ma tistghax titqies bhala dipartiment tal-Gvern. Fil-kaz prezenti, ir-rikorrent qed jallega dewmien minhabba l-operat ta' martu Dorothy Xuereb kif ukoll minhabba l-operat tal-Qorti li ppresjediet il-proceduri li bihom hu kien talab il-hrug tal-Mandat In Factum. Bla ebda mod ma hu qed jattribwixxi l-allegat dewmien ghal xi operat jew agir minn naha ta' l-amministrazzjoni tal-Qrati, rappresentatha mir-Registratur tal-Qorti.*

*…*

*Dwar il-posizzjoni tar-Registratur tal-Qorti, in vista tal-fatt li r-rikorrent qed jattribwixxi l-allegat dewmien kemm ghall-martu, kif ukoll ghal mod ta' kif il-Qorti mexxiet l-andament tal-proceduri in kwistjoni, u, allura, qed jattribwixxi dan id-dewmien ghall-agir ta' xi Imhallef partikolari li ghal xi zmien kien qed jippresjedi dawn il-proceduri, hu evidenti, allura, li f'din il-kwistjoni, ir-Registratur tal-Qorti ma kellu ebda kontroll fuq dawk il-proceduri partikolari w lanqas ma kien involut b'xi mod fil-materja, il-meritu tar-rikors promotur. Hu ben saput li l-*

*Gudikatura hija organu ndipendenti mill-Ezekuttiv u ma taqa' taht ebda dipartiment governattiv, u hu f'dan is-sens, mela, li jekk id-dewmien lamentat mir-rikorrent huwa attribwibbli ghall-operat tal-Qorti, allura, ir-Registratur tal-Qorti, li hu biss inkarigat mill-amministrazzjoni tal-Qorti u mhux ukoll mill-operat tal-Gudikant, ma jistghax hawnhekk ikun legittimu kontradittur. Hu propju ghalhekk, mela, li din l-eccezzjoni sollevata mir-Registratur tal-Qorti qed tigi milqugha, u hu qed jigi liberat mill-osservanza tal-gudizzju, bl-ispejjes kontra ir-rikorrent f'dan ir-rigward."*

The same principle was confirmed in the case of Mark Lombardo vs Kunsill Lokali Fgura in virtue of a judgment delivered by the Constitutional Court on the 7th October 2005 whereby it was stated that:

"*Kwantu ghall-appellat Registratur, Qrati Civili u Tribunali ma jidhirx li jista' jkun hemm l-icken dubbju li dan ma hux il-legittimu kontradittur f'din il-kawza. Ir-Registratur ma jirraprezentax lill-Qrati li l-operat taghhom gie attakkat bir-rikors promotorju – anzi, bil-kontra, huwa jiehu l-ordnijiet minghandhom skond il-ligi – u hu ma hux f'posizzjoni li jaghti rimedju effettiv kieku stess din il-Qorti kellha ssib x'ticcensura fuq il-livell kostituzzjonali fl-operat ta' dawk il-Qrati."*

Aftering taking into consideration the nature of the claim which in essence relates to a decision given by the First Hall Civil Court (Family Section) and the role and duties of the defendant, this Court concludes that the defendant had absolutely no control over the decision delivered by the said Court. It also transpires that the defendant was not even a party to those proceedings. Hence, any alleged breaches are definitely not attributable to any fault on the part of the defendant.

For the reasons above, the Court is hereby upholding the preliminary plea raised by the defendant the Director Civil Courts and Tribunals by declaring that he is not the legitimate defendant in these proceedings.

Costs are to be borne totally by applicant.

IMHALLEF

DEP/REG